# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 71/2024/09

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Hal Kirkop fil-17:15hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Viċi Sindku*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

71.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 70

71.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 70 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa mar-Reġjun Punent rigward it-*traffic management plan*.

71.3.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li minn naħa tar-Reġjun kienu għenuna biex isir *market research* u biex setgħet tiġi ppreparata l-applikazzjoni għall-Fond tal-LESA biex il-Kunsill ikun jista' japplika biex isir *traffic management plan* minn esperti fil-qasam kif maqbul f'minuta 70.4.11.2.

71.3.1.2 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li waqt din il-laqgħa ġew diskussi żewġ possibilitajiet fejn jistgħu isiru *traffic calming measures*. Dawn huma Triq San Benedittu k/m Triq Ħal Safi u Triq Triq Danny Cremona k/m Triq Valletta. F'dawn iż-żewġ postijiet jistgħu isiru plastic bollards fuq iż-żebgħa eżistenti biex inaqqsu l-possibilità li wieħed idur ħażin jew jitla' *wrong way* rispettivament.

71.3.1.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-proposti u qablu li l-Kunsill kellu jitlob għall-approvazzjoni ta' Transport Malta biex isir dan ix-xogħol.

71.3.1.4 Is-Sindku Terence Agius qal li malli l-Kunsill jikseb l-approvazzjoni, tista' ssir talba lir-Reġjun biex l-ispiża għal dan ix-xogħol tiġi koperta mill-fond tar-Reġjun stess li hu mmirat għal *traffic calming measures*.

71.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li Infrastracture Malta kienet għamlet xogħol ta' *refreshing* ta' *road markings* fil-lokalità. It-toroq li saru minn Infrastracture Malta huma Triq San Benedittu, Triq il-Parroċċa, Triq l-Imdina, Triq il-Karwija, Triq il-Madonna tad-Dawl, Triq Danny Cremona u Triq Taż-Żebbiegħ.

71.3.2.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li l-Kunsill, bil-kuntrattur tiegħu, kien qed jagħmel *refreshing* tal-i*stop signs* u *sleeping police* kollha madwar ir-raħal.

71.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar l-iskema li l-Kunsill kien rebaħ biex isir il-*lift* għall-planka tal-*observation area* fi Triq l-Industrija, liema *lift* ma sarx peress li kellu jkun inkorporat mal-proġett li l-Kunsill applika għalih ma Project Green u sfortunatament ma ġiex magħżul.

71.3.3.1 Is-Sindku spjega li s-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali l-possibilità li l-fondi ta' din l-iskema jintużaw fuq xi proġetti oħra ta' aċċessibilità. Hu kompla jgħid li d-Diviżjoni kienu talbu xi ħsibijiet għandu l-Kunsill biex ikunu jistgħu jaraw jekk dawn jistgħux jiġu approvati.

71.3.3.2 Is-Sindku Terence Agius qal li bħala suġġeriment setgħet issir bandla għall-persuni b'abbiltajiet differenti biex tinbidel dik eżistenti fil-Bandli tal-Kommunità, peress li din kienet qdimet ħafna.

71.3.3.3 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-proposta u qablu li jinġabru kwotazzjonijiet biex tinbidel l-istruttura tal-bandla kollha inkluż il-bandla għall-persuni b'abbiltajiet differenti.

71.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-President u mal-Cultural Co-ordinator tar-Reġjun Punent fejn ġie diskuss il-programm għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2024.

71.3.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li peress li din is-sena ser ikun hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, wieħed ma jistax jippjana eżatt x'ser isir. Hu kompla jgħid li Kirkop Paegant Group ser ikunu qed jorganizzaw l-attività tal-ġimgħa l-kbira. Is-Sindku qal ukoll li jekk il-Kunsill il-ġdid ikompli fuq il-passi ta' dan il-Kunsill, aktarx tiġi organizzata l-attività tal-Milied 'Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market'.

71.3.4.2 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li l-Kirkop Paegant Group kienu bagħtu l-informazzjoni mitluba mir-Reġjun biex din l-attività tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-fond tal-attivitajiet.

71.3.4.3 Apparti hekk il-Kirkop Paegant Group kienu talbu lill-Kunsill biex jużaw l-i*street furniture* li l-Kunsill għandu fi Triq l-Industrija k/m Triq San Pietru biex iwaħħlu l-banner tal-attività.

71.3.4.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan l-i*street furiture* għandu jiġi misluf lill-Kirkop Paegant Group sakemm ikun hemm il-*logo* tal-Kunsill fuq il-poster, liema *logo* ikun jidher sew.

71.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità rigward il-kuntratt tad-*Day Centre* ta' Hal Kirkop.

71.3.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan il-kuntratt kien ikopri sal-aħħar tas-sena 2023 u għaldaqstant kien hemm bżonn li dan jiġġedded.

71.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew il-kuntratt u qablu li dan jiġġedded bit-termini u kundizzjonijiet li fih dak preżenti, apparti li l-prezz jitla' għal €30 kull ġurnata.

71.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Servizzi Ewropej f'Malta rigward opportunità ta' Fondi Ewropej dwar *Off-Farm Investments Infrastracture* iffukati fuq toroq rurali.

71.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għal din id-darba mhux ser japplikaw għal dan il-fond.

71.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva konferma mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward art fi Triq il-Karwija, liema art qegħda fil-proċess li tgħaddi għand il-Gvern Ċentrali.

71.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba minn Transport Malta biex jinżabru s-siġar ta' Triq il-Madonna tad-Dawl minħabba li ma hemmx *clearance* tat-triq ta' 5.3 mtrs.

71.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ikellem lill-ġardinar biex jiżbor dawn is-siġar kif mitlub.

71.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Malta International Airport rigward il-proġett tal-*Observation Area* tal-ajruplani fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop.

71.3.9.1 Il-Kunsillier Cody Galea ddikjara kunflitt ta' interess u ħareġ mil-laqgħa.

71.3.9.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li dan il-proġett kien ġie miċħud minn Project Green wara li kien ilu jiġi mwiegħed li dan ser isir u wara li l-Kunsill kien ħadem fuq il-pjanti u fuq il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

71.3.9.3 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill għandu jwieġeb lill-MIA li l-proġett mhux ser isir ma' Project Green għax ma ntrebaħx u jitlob jekk l-MIA hijiex lesta li tiffinanzja somma akbar peress li l-Kunsill kien qed jipprova jsib *stakeholders* oħra biex jipprova jagħmel dan il-proġett.

71.3.9.4 Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier Cody Galea biex jerġa' jidħol għal-laqgħa.

71.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Infrastracture Malta rigward ix-xogħlijiet proposti fi Triq San Nikola u parti minn Triq l-Industrija.

71.3.10.1 Il-Kunsilliera preżenti raw is-*siteplan* mibgħuta u ddiskutew ix-xogħol li ser isir. Kien hemm qbil li s-Sindku jitkellem ma' Infrastracture Malta biex jara li t-toqob tan-nar tal-art li għadhom kif ġew irranġati mill-Kunsill jinżammu kif inhuma.

71.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/01/2024, mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

71.3.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din l-Espressjoni ta' Interess tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024.

71.3.11.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li għalissa ma japplikawx għal din l-espressjoni ta' interess.

71.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/02/2024, mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar Komunitajiet aktar b'Saħħithom u Inklussivi.

71.3.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din l-iskema tagħlaq nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.

71.3.12.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li għalissa ma japplikawx għal din l-espressjoni ta' interess.

71.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/03/2024, mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa.

71.3.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din l-inizjattiva finanzjarja tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024.

71.3.13.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li japplikaw għal din l-inizjattiva finanzjarja flimkien mar-Reġjun Punent.

71.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/04/2024, mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

71.3.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din il-fond jagħlaq nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju, 2024.

71.3.14.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qalu li ma sarux proġetti mill-Gvern Ċentrali u għaldaqstant din iċ-ċirkulari ma kinetx tapplika għall-Kunsill tagħna.

71.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/05/2024, mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.

71.3.15.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din l-iskema tagħlaq nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.

71.3.15.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li jsiru żewġ applikazzjonijiet, waħda għall-attività Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market 2024 u l-attività Irkottafest 2025.

71.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva rendikont tal-flus li ntużaw mill-Fond tal-LESA għas-servizzi ta' pulizija jew gwardjani waqt l-attivitajiet.

71.3.16.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet lir-Reġjun biex il-bilanċ li fadal jiżdied mal-bilanċ ta' din is-sena biex ikun jista' jintuża mill-Kunsill u mill-għaqdiet volontarji.

71.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar il-Premju MARA 2023/2024 li ġie mniedi minn Dr Lydia Abela fejn qiegħda ssir stedina biex il-Kunsilli Lokali kollha f'pajjiżna jinnominaw mara li permezz tas-sehem tagħha fis-soċjetà wettqet differenza f'ħajjet ħaddieħor u ħalliet impatt pożittiv.

71.3.17.1 Is-Sindku Terence Agius qal li n-nominazzjonijiet jagħlqu fis-16 ta' Frar u l-Kunsilli għandhom jissottomettu l-għażla tagħhom sas-26 ta' Frar biex il-premju jingħata fis-serata tal-għoti tal-Premju Mara 2023/2024 li ser isir fit-8 ta' Marzu.

71.3.17.2 Is-Sindku kompla jgħid li sal-ħin tal-laqgħa l-Kunsill kien irċieva żewġ nominazzjonijiet u t-tnejn li huma kienu qed jinnominaw lis-Sinjura Mary Rose Mizzi.

71.3.17.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn in-nomini u qablu li jekk ma jkunx hemm aktar nomini sad-data tal-għeluq, il-Kunsill kellu jagħżel lis-Sa. Mary Rose Mizzi.

71.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva statistika miġbura mir-Reġjun Punent rigward l-ispezzjonijiet u l-kontravenzjonijiet dwar skart li saru mill-ERA matul is-sena 2023.

71.3.18.1 Is-Sindku kompla jgħid li f'Ħal Kirkop saru 15-il spezzjoni, 4 f'April, 3 f'Ġunju, 6 f'Lulju u 2 f'Settembru u inħarġet multa 1 biss.

71.3.18.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-istatistika u qalu li dan juri biċ-ċar li mhux qed isir infurzar biżżejjed u kif suppost.

71.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett li nħoloq mill-NGO Żibel flimkien ma' Art2030 bil-mira li tindirizza t-tniġġiż tal-baħar u tal-art permezz ta' pitturi kbar fuq il-ħitan li jirrappreżentaw il-bżonn urġenti ta' konservazzjoni.

71.3.19.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill ma japplikax minħabba li f'Ħal Kirkop ma hawnx ħitan fejn jistgħu isiru dawn il-muralli.

71.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-ħaddiem li kien assenjat mal-Kunsill kien lest li jerġa' jġedded biex ikompli jaħdem mal-Kunsill għal sena oħra u kien talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

71.3.20.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qablu li jressqu l-approvazzjoni tal-Kunsill mad-Dipartiment biex dan il-ħaddiem iġedded it-terminu tiegħu għal sena oħra.

## 71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

71.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri talab biex isir *double yellow line* fil-kantuniera fi Triq ir-Ramlija k/m Triq Danny Cremona. Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jsir dan id-*double yellow line*.

71.4.1.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri kompla jgħid li hemm bżonn issir tabella Tarmix Żibel Hawn ma din l-istess kantuniera. Kien hemm qbil li titwaħħal tabella ma dan il-ħajt.

71.4.1.2 Is-Sindku Terence Agius qal li Infrastracture Malta għadhom lanqas lestew is-sinjali tat-traffiku biż-żebgħa fi Triq Valletta u Triq Danny Cremona, fejn kien sar it-tarmak. Dan għalkemm il-Kunsill kien bagħat diversi tfakkiriet.

71.4.1.3 Il-Kunsilliera qalu li l-Kunsill kellu jerġa' jibgħat tfakkira oħra lil Infrastracture Malta biex dan ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr.

71.4.1.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn issir Diversion li tindika Kirkop Centre fi Triq Valletta k/m Triq San Pietru ħdejn il-ħanut tal-kantuniera.

71.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

71.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li rċeviet ilmenti dwar il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart li qed jitla' *wrong way* fi Triq il-Lewżiet.

71.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jiġu infurmati l-aġenzija LESA biex jagħmlu *monitoring* fil-ħin ta' filgħodu waqt li jkun qed jinġabar l-iskart biex dan l-abbuż ma jibqax iseħħ.

71.4.4 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 71.5 Rapport tal-Ilmenti

71.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward sinjali tat-traffiku fi Triq San Benedittu fejn resident qal li bil-kaxxi l-bojod kif inhuma ma setgħax jidħol u joħroġ mill-garaxx bil-libertà.

71.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qalu li kif qegħdin dawn il-marki ma jidhirx li għandu jkun hemm problema, biss ir-resident għandu dritt li jkollu l-metru *double yellow line.* Jekk ser isir il-metru *double yellow line* ser tonqos *parking bay*.

71.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill suġġeriment ta' resident biex isiru l-*parking bays* fi Triq l-Imdina.

71.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ma jsirux *parking bays* fi Triq l-Imdina, għax aktar kemm isiru *parking bays* aktar jitnaqqas il-parkeġġ. Kien hemm qbil li jibqa' kollox kif inhu.

71.5.3 Is-Segretarju Eżekutiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-risposta mingħand ir-resident li kien għamel ilment rigward bozza li għandu mwaħħla mal-faċċata tad-dar, fejn il-Kunsill kien infurmah li biex din titneħħa huwa kellu jħallas għat-tneħħija u l-ispiża biex din issir fuq arblu minflok teħel mal-faċċata.

71.5.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-resident qed jgħid li mhux lest li jħallas għal din it-tneħħija għax fil-permess ta' żvilupp għandu mniżżel li jeħtieġ jagħmel *service culvert* biex meta jlesti l-entitajiet jgħaddu l-cables kollha minn hemmhekk.

71.5.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li dak li kien deċiż u komunikat fil-laqgħa ta' qabel jibqa' kif kien.

71.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward is-sitwazzjoni preżenti ta' Sqaq in-Nuklaċ li d-dħul tiegħu huwa minn Triq il-Gudja.

71.5.4.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li persuna li għandha għalqa f'dan l-isqaq qed tilmenta li dan l-isqaq jinsab imblukkat bil-pal tal-bajtar u jixtieq li jiġi mnaddaf.

71.5.4.2 Is-Sindku Terence Agius wera ritratti tal-post, kemm dawk mibgħuta mill-persuna li ressqet l-ilment u anke oħrajn meħuda mill-Kunsill.

71.5.4.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ma jidħolx fuq din il-materja għax l-art pubblika tgħajjat lid-Dipartiment tal-Artijiet.

71.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill suġġeriment mingħand il-Kappillan fejn talab biex il-*floodlight* li tagħti għal fuq il-faċċatta tal-knisja tinbidel biex titpoġġa waħda li turi aktar.

71.5.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ssir l-ordni biex din il-*floodlight* tinbidel.

71.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 71.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Annwali 2024

71.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2024. Dawn l-Estimi Finanzjarji kienu ġew diskussi u approvati fil-Laqgħa Annwali li kienet saret għal dan il-għan nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar, 2024.

71.6.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2024, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 71.7 *Pocket Garden* fi Triq Nerik Xerri

71.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva sottomissjoni ta' pjanti għal *Pocket Garden* fi Triq Nerik Xerri. Dan il-ġnien pubbliku ser ikun qed isir minn Project Green.

71.7.2 Il-Kunsilliera preżenti raw il-pjanti riċevuti u ddiskutew din il-materja.

71.7.3 Is-Sindku Terence Agius qal li nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024 ser issir it-tnehdija ta' dan il-proġett minn Project Green.

## 71.8 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

71.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-evalwazzjoni tat-*tender* dwar l-offerta tal-knis ta' toroq kienet għada ma ġietx iffinalizzata minħabba diversi fatturi.

71.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għalissa l-Kunsill għandu jkompli bis-servizz ta' emerġenza biex Ħal Kirkop ikollu kennies u ma jispiċċax mingħajr servizz tal-knis.

## 71.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

71.9.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 147 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

71.9.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 147 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 71.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

71.10.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

71.10.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024 fl-16:30hrs.

71.10.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 27 ta' Marzu, 2024

**Mozzjoni Ref:** 350/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 70.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Frar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 351/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2024.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Frar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 352/24/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 147.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Frar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**